MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX)

# (GURISDIZZJONI SUPERJURI)

# (SEZZJONI GENERALI)

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2014

Citazzjoni Numru. 9/2012

Salvu **Spiteri; Jane Spiteri; u Mario Attard; Michelangelo Attard; Josephine Attard; Emanuel Attard; Victor Attard; Carmel Spiteri; Salvu Spiteri; Mary Rose Spiteri; Lucy Borg; Paul Spiteri; Victoria Zammit; Joseph Spiteri; Manwel Spiteri; Joseph Spiteri; Rose Mary Bajada u Mananni Mercieca**

**Vs**

**Joseph Spiteri u martu Marnese Spiteri ghal kwalunkwe interess li jista' jkollha**

Il-Qorti,

Rat li r-rikors guramentat jaqra hekk:

1. Illi l-atturi Salvu Spiteri u Jane Spiteri (t-tnejn ahwa Spiteri) flimkien ma' huhom Victor Spiteri (illi llum huwa mejjet u li ghalhekk huwa rapprezentat mill-eredi tieghu) kienu fdaw lill-konvenut Joseph Spiteri illi huwa n-neputi taghhom, bl-amministrazzjoni ta' flushom illi kienu jinkludu kemm depoziti f'banek lokali u kif ukoll f'banek esteri;

2. Illi din l-amministrazzjoni giet fdata f'idejn il-konvenut fis-sena elfejn u wiehed (2001) meta certu Kurun Portelli illi kien jiehu hsieb din l-amministrazzjoni precedentement, marad b'mard terminali u kien dak inhar illi l-atturi jew l-predecessuri taghhom fit-titolu ghaddew l-inkartament kollu rigwardanti dawn il-flus lill-konvenut Joseph Spiteri;

3. Illi llum Victor Spiteri huwa mejjet, u peress li miet intestat wirtuh hutu l-atturi Salvu u Jane ahwa Spiteri, l-atturi l-ohra li huma neputijiet tieghu u missieru Frangisk Spiteri li ghadu haj izda li mhux parti f'din il-kawza peress li mhux konsapevoli tal-fatti li taw lok ghal din il-kawza;

4. Illi l-atturi saru jafu illi flushom gew uzati mill-konvenuti ghall-uzu personali taghhom, minghajr il-kunsens taghhom u dan kif jammetti l-istess konvenut Spiteri fl-ittra tieghu li qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dokement D u kif ser jirrizulta ampjament mill-provi prodotti fil-kors tal-kawza odjerna;

5. Illi wara li l-atturi jew min minnhom interpellaw lill-konvenut Joseph Spiteri sabiex jaghti rendikont tal-amministrazzjoni tieghu, jirrevoka kwalunkwe prokura u sabiex jirritorna d-dokumenti u l-flus kollha taghhom (kif jidher mill-ittri hawn annessi u mmarkati bhala Dokumenti 'A' u 'B') l-istess konvenut baqa' inadempjenti u dana minkejja diversi weghdiet;

L-atturi talbu ghalhekk lil din il-qorti:

1. Tordna lill-konvenuti sabiex jaghtu rendikont shih u dettaljat tal-amministrazzjoni taghhom tal-flus tal-atturi;

2. Tordna lill-konvenuti sabiex iroddu lura lill-atturi u jghaddu kwalunkwe inkartament, dokument u/jew informazzjoni li huma ghandhom fil-pussess taghhom jew li jafu bihom li huma konnessi kemm direttament u kif ukoll indirettament mal-flus tal-atturi u dan ghal perjodu li jibda mis-sena elfejn u wiehed (2001) sal-lum;

3. Tillikwida l-ammont dovut lill-atturi;

4. Tordna lill-konvenuti sabiex fiz-zmien qasir u perentorju jirritornaw kwalunkwe bilanci tal-flus, hekk likwidati li kienu jifformaw parti minn din l-amministrazzjoni u li kienu fil-kontroll tal-konvenuti.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet kollha nkluzi dawk tal-ittri ufficjali tas-7 ta' Dicembru 2011 u 13 ta' Jannar 2012, ripsettivament kif ukoll tal-ittra nterpellatorja tat-13 ta' Frar 2012, li ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenuti.

Il-konvenuti jinsabu mharrkin ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa qed jigi ngunti.

Rat li l-konvenuti ghalkemm debitament notifikati baqghu ma pprezentaw l-ebda risposta guramentata.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza nkluz in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-atturi.

Rat li l-konvenuti nghataw zmien ukoll a tenur ta' l-artikolu 158(10) tal-Kap 12 ghall-prezentata tan-nota taghhom izda baqghu ma pprezentaw l-ebda nota.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Kunsiderazzjonijiet**

Illi l-fatti li wasslu ghall-din il-vertenza huma pjuttost semplici. L-ahwa Salvu, Jane u Vitor Spiteri kellhom diversi flejjes u nvestimenti f'banek lokali u esteri. Fiz-zmien kien hemm certu Kurun Portelli li kien jiehu hsieb jimlilhom il-karti tat-taxxa u jamministralhom il-flus. Jirrizulta li din il-persuna kienet izzommhom infurmati b'li kien qieghed jaghmel izda f'xi zmien marad b'marda terminali u ma setax aktar jibqa' jiehu hsieb l-affarijiet taghhom. Dan Kurun Portelli eventwalment miet.

Ghalhekk dahal fix-xena l-konvenut Joseph Spiteri. Huwa nfatti jammetti li uza xi flus li kellu f'idejh ghall-beneficcju tieghu u ta' martu ghalkemm ma tax l-informazzjoni kollha u lanqas indika somma preciza. Fil-mori wkoll hallas l-ammont ta' €10,000 lill-atturi bhala parti mill-ammont li ghandu jroddilhom.

In vista tan-nuqqas ta' informazzjoni min-naha tal-konvenut, din il-qorti trid ghalhekk tezamina l-provi prodotti u fi kwalunkwe kaz trid tiddetermina jekk l-allegazzjoni attrici gietx ippruvata.

L-atturi qeghdin jibbazaw it-talbiet taghhom fuq il-fatt li l-ahwa Spiteri taw mandat lill-konvenut Joseph Spiteri. Mill-atti tal-kawza ma rrizultax li kienet saret prokura minnhom ghaf-favur tieghu. Infatti l-konvenut ma kkonfermax li kellu prokura u min-naha taghhom l-ahwa Spiteri ma jafux ghaliex Vitor u Salvu jidher li ma jafux jaqraw filwaqt li Jane taf taqra ftit bil-Malti u ghalkemm kienu jiffirmaw diversi karti ma kienux jafu l-portata taghhom.

Hekk kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Norman Bezzina et vs Anthony Caruana et**[1]**:**

*"Illi skond kif insibu fil-****"Diritto Privato"*** *(5th Ed) ta'* ***Francesco Galgano*** *il-mandat huwa "il contratto con il quale una parte, il mandatario, si obbliga nei confronti dell'altra, il mandante, a compiere uno o piu' atti giuridici per conto di quest'ultima (art. 1703)."*

*Illi skond l-****artikolu 1857 (2) tal-Kodici Civili,*** *il-mandat jista' jinghata b'att pubbliku, b'kitba privata, b'ittra jew bil-fomm, jew ukoll tacitament. Illi kif intqal fis-sentenza* ***"Carmela Farrugia vs Giuseppe Farrugia"*** *(20 ta' Novembru 1953 – Vol.XXXVIIB.I.350) :-*

*"L-unika limitazzjoni li taghmel il-ligi f'materja ta' mandat tirrigwarda s-setgha sabiex isiru trasferimenti ta' beni minbarra dawk it-trasferimenti li jaqghu fil-limiti ta' l-amministrazzjoni, jew sabiex isiru ipoteki fuq beni, jew sabiex isiru attijiet ohra ta' proprjeta', li trid tkun espressa;*

*Ghalhekk ma jidhirx li hija rikjesta ebda formalita'; u f'dana s-sens hija l-gurisprudenza kostanti tal-Qrati Taghna. 'Siffatto mandato…. … non occorreva che fosse in iscritto per essere valido, sebbene fosse inteso per l'acquisto di immobili, nessuna limitazione in tale senso contenendosi nella nostra legge' (sent. App. 24 ta' April 1931 in re* ***S.***

[1] Cit Nru: 678/1998RCP deciza fit-28 ta' Ottubru, 2003

***Galea vs Paolo Gauci noe,*** *Vol. XXVIII.I.60; Prim'Awla 13 ta' Jannar 1947 in re* ***V.Vella vs Angelo Vella;*** *Prim'Awla 11 ta' Jannar 1950* ***Rizzo Bamber vs Rizzo*** *)." Illi infatti f'* ***"Richard Rizzo Bamber noe vs Giuseppina Rizzo noe et"*** *(11 ta' Jannar 1950 - Vol.XXXIVB.II.430) il-Qorti sostniet :-*

*"Jinghad ukoll li ma ghandhomx jigu konfuzi l-formalitajiet li l-ligi tassativament tordna ghax-xiri ta' l-immobili, u li huma dettati sabiex jiggarantixxu l-validita' taghhom fir-rapporti bejn bejjiegh u xerrej u di fronti ghat-terzi, mal-ftehim u rapporti li jkunu jezistu bejn mandanti u mandatarju. Skond l-ispirtu u l-iskop tal-ligi, fit-trasferiment ta' l-immobili, dak li ghandu, taht piena ta' nullita', jirrizulta mill-att pubbliku jew mill-miktub, huwa rispettivament il-kuntratt tat-trasferiment jew il-promessa tal-bejgh u cjoe' l-att bejn il-mandatarju, jew il-pretiz kumpratur, u t-terza persuna li tkun il-venditur; mentri l-mandat fl-effetti tieghu limitati bejn il-mandanti u l-mandatarju jista' jigi dejjem dimostrat u pruvat skond in-normi dettati ghall-prova ta' l-obligazzjonijiet in generali. Din hija l-konsegwenza legittima u natural ta' l-art 1959 u 1965 tal-Kodici Civili, Kap.23 ta' l-Edizzjoni Riveduta; minn fejn jidher, kif intqal fuq, li l-mandat jista' jkun espress jew tacitu, u ghandu jkun dejjem espress fil-kazi msemmija taht it-tieni artikolu fuq citat, u li huma attijiet li jsiru barra mill-ordinarja amministrazzjoni. B'dana kollu, mandat "exprissis" ma jfissirx ta' bilfors mandat bil-miktub, u jista' ugwalment jigi stabbilit u pruvat b'mezzi ohra li huma permessi mil-ligi;"*

Mill-provi l-atturi rnexxilhom jippruvaw li Joseph Spiteri kien mandatarju taghhom. Infatti Jane Spiteri[2] xehdet li wara li Kurun Portelli marad hija u hutha talbu lil Joseph Spiteri sabiex jimlilhom l-karti tat-taxxa huwa. Xehdet li darba minnhom mar ghandhom *"rega' gie bil-karti tal-Bank, qalilna "iffirmaw isimkom, qalli "halli ma jigux karti hawn izjed," imbaghad bdejna u kull darba li jigi, u xejn ma kien jurina, kien il-karta biex niffirmaw u daqshekk ghax jiena ma nafx naqra bl-Ingliz, bil-Malti naf naqra daqsxejn".* Fl-istess seduta[3], Salvu Spiteri xehed li kienu tlieta d-

[2] Seduta tal-15 ta' Mejju 2012 a fol 83 tal-process
[3] A fol 90 tal-process

dar, Jane, Vitor u huwa u kkonferma li wara Kurun beda jimlilhom l-karti tat-taxxa Joseph Spiteri u meta kien jitlobhom biex jiffirmawlu huma kienu jiffirmaw anki jekk la huwa u lanqas huh ma jafu skola. Min-naha taghha, Mary Rose Spiteri[4] , in-neputija ta' Salvu u Jane, xehdet li hija ndahlet fil-kaz wara l-mewt ta' zijuha Vitor li miet fl-2006 u peress li miet intestat hutu u l-kugini huma l-werrieta. F'dak iz-zmien saret taf li l-amministrazzjoni tal-flus kienet f'idejn Joseph Spiteri. Zijitha afdawh u kien minghalihom li kien qieghed jimlilhom il-karta tat-taxxa izda huwa la tahom il-karti u lanqas l-imghax. Originarjament l-inkarigu kien li jimlilhom il-karta tat-taxxa u jigbor l-imghaxijiet izda imbghad il-korrispondenza kienet kompletament f'idejh.

Illi l-istess konvenut lanqas ma cahad li huwa kellu f'idejh l-amministrazzjoni tal-flus tal-ahwa Spiteri. Infatti huwa xehed[5] li *"Qed nigi mistoqsi min awtorizzani naghti dawn il-flus, nghid illi jiena kont niehu hsieb il-flus taghhom, pero' kif diga' xhedt precedentement, jiena ma kellix prokura bil-miktub".*

Illi l-allegazzjoni attrici hija li l-konvenut ghalkemm kellu jigbor l-imghaxijiet mill-banek u jimla' l-formoli taz-zijiet tieghu huwa ma qaghadx ghal dak mitlub minnu u zbanka d-depoziti mill-banek u investihom f'investimenti li fallew u sahansitra parti sostanzjali mill-flus uzahom ghalih u ghal martu.

Mill-atti jirrizulta wkoll li l-konvenut ammetta whud mill-allegazzjonijiet u sostna wkoll li kien qieghed jassumi r-responsabilita' tal-flus li kien hemm fl-Ingilterra kif ukoll ta' Malta.

F'dan l-istadju ghalhekk se ssir referenza ghall-artikoli tal-ligi fil-Kodici Civili li huma relevanti ghall-kaz odjern:

---

4 Affidavit a fol 123 et seq tal-process
5 Seduta tal-10 ta' April 2013 a fol 536 tal-process

***"1862.** Il-mandat huwa specjali, jekk jinghata ghall-haga wahda jew ghal xi hwejjeg determinati, biss; jew generali, jekk jinghata ghall-affarijiet kollha tal-mandat.*

***1863.** (1) Fil-mandat moghti bi kliem generali, jidhlu biss l-atti ta' amministrazzjoni.*

*(2) Is-setgha sabiex isiru trasferimenti ta' beni, minbarra dawk it-trasferimenti li jaqghu fil-limiti tal-amministrazzjoni, jew sabiex isiru ipoteki fuq beni jew sabiex isiru atti ohra ta' proprjetà, ghandha tkun espressa.*

***1864.** Il-mandatarju ma jista' jaghmel xejn li johrog mil-limiti tal-mandat.*

***1873.** (1) Il-mandatarju hu obbligat jesegwixxi l-mandat sakemm hu jibqa' inkarigat, u fil-kaz ta' nuqqas ta' esekuzzjoni jwiegeb ghad-danni u l-imghaxijiet.*

*(2) Huwa wkoll obbligat li jispicca l-affari li jkun beda qabel il-mewt tal-mandant, jekk id-dewmien jista' jkun ta' hsara.*

***1874.** (1) Il-mandatarju jwiegeb mhux biss ghall-eghmil doluz, izda wkoll ghal negligenza fl-esekuzzjoni tal-mandat.*

*(2) Izda, din ir-responsabbiltà, kwantu ghan-negligenza ghandha titqies b'mod anqas sever fil-kaz ta' dak li l-mandat tieghu jkun bla hlas, milli fil-kaz ta' dak li l-mandat tieghu jkun bil-hlas.*

***1875.** Il-mandatarju, meta ma jkunx mehlus espressament mill-mandant, ghandu jaghti kont lil dan ta' dak kollu li jkun ghamel u ta' dak kollu li jkun ircieva bis-sahha tal-mandat, ukoll jekk dak li jkun ircieva ma kellux jinghata lill-mandant.*

***1876.** (1) Il-mandatarju ma jistax iqabbad lil haddiehor floku, jekk ma tkunx giet moghtija lilu s-setgha ghaldaqshekk mill-mandant".*

Il-**Baudry-Lacantinerie**[6] jispjega illi : *"Il mandatario risponde per la colpa lieve : culpa levis in abstracto**,** cioe' di quella colpa che non avrebbe commesso un buon padre di famiglia. Questa era la soluzione che gia dava il Pothier, il quale la giustificava dicendo che 'colui che si incarica della gestione di un dato affare si assume di compiere tutto cio' che e' necessario compiere per tale gestione e conseguentemente tutte le cure e l'abilita', che la medesima richiede'. Il giudice tuttavia dovra' essere un po' piu severo nel suo apprezzamento, quando il mandatario sia salariato ".*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Paolo Monreal vs Antonio Emmanuele Caruana**[7] gie ritenut illi : *"il mandatario e' responsabile non solo pel dolo, ma pure per la colpa nell'esecuzione del mandato, per la ragione che l'affare si ritiene messo sotto la salvaguardia della sua buona fede e della sua prudenza, onde e' tenuto di corrispondervi col*

*suo zelo, colla sua propita' e sua scrupolosa delicatezza; egli nulla deve iprendere di cio che e' contrario agli interessi del mandante, quando anche queste fosse nella ignoranza. Difatti come dice il Troplong, il mandato vive di buona fede."*

[6] Trattato teorico - Pratico di Diritto Civile : Del Mandato para. 593 pag. 323

[7] Kollezz Vol VIII pg 458

Illi mill-atti jirrizulta li l-ahwa Spiteri kienu hadmu hajjithom kollha sa minn mindu kienu zghar u ta' eta' zghira bdew jixhtu l-flus fil-banek lokali u esteri. Mill-affidavit ta' Mary Rose Spiteri jirrizulta li wara l-mewt taz-ziju Vitor, bdew jiltaqghu rapprezentant minn kull familja inkluz Joseph Spiteri li eventwalment ma baqax jattendi ghal-laqghat. Hija xehdet li fl-ewwel laqgha Joseph Spiteri kien attenda u kien ammetta li kien l-amministratur. Hija tispjega li l-konvenut *"semma' li barra l-flus li z-zijiet kellhom fil-BOV, kellhom ukoll f'Bank l-Ingilterra. Qal li Salvu ghandu 105,000 Liri Sterlini (GBP), Vitor ghandu 97,000 GBP u Ganna ghandha 85,000GBP".* Hija xehdet li Spiteri qatt ma tahom sodisfazzjoni tal-flus li kellhom bid-dokumenti u qatt ma tahom rendikont. L-istess Jane Spiteri xehdet li fis-sena 2011 Joseph Spiteri mar ghandhom u ammetta li ha l-flus u weghdhom li se jroddhom lura izda ma radd xejn. Anki Salvu Spiteri xehed li huwa talab il-flus lill-konvenut li min-naha tieghu qallu li se jroddhom.

Oltre' dan f'ittra tieghu stess tas-27 ta' Jannar 2012[8], il-konvenut jammetti li ghandu jaghti flus lill-atturi bl-imghax kollu imma ma jsemmix ammont. Wieghed li kien se jaghtihom €50,000 fil-25 ta' Frar 2012 bhala parti ohra mill-pagamenti li kienu dovuti lilhom.

L-istess konvenut[9] ikkonferma li z-zijiet tieghu qatt ma hadu flus kontanti u l-flus kien imexxihom minn kont ghall-iehor. Huwa nghata zmien u opportunita' minn din il-qorti biex jipproduci kwalunkwe dokumenti li huma fil-pussess tieghu izda filwaqt li qal li ried jaghmel il-verifiki tieghu xehed li ma sabx dokumenti. Ghaldaqstant ikun inutili li jinghata terminu sabiex jipprezenta l-istess ghaliex huwa spjega li ttrasloka u kwindi hafna dokumenti ntilfu filwaqt li ohrajn gew f'idejn l-istess atturi diga'.

Jehtieg ghalhekk issa jigi stabilit l-ammont li kellu f'idejh il-konvenut:

8 Dok RS15 a fol 164 tal-process
9 Seduta tal-21 ta' Novembru 2012

i) **<u>€163,056 (Lm70,000)</u>**

Dan l-ammont jirrizulta mill-istatements bankarji prodotti mir-rapprezentant tal-Bank of Valletta plc u jirraprezenta diversi kontijiet li kellhom l-ahwa Salvu, Jane u Vitor Spiteri.

Il-konvenut Joseph Spiteri ammetta[10] li dawn il-flus gew trasferiti fil-*loan account* tieghu u ta' martu. Infatti huwa xehed li *"dawn is-sebghin elf lira Maltin (Lm70,000) dhalt responsabbli ghalihom jiena u allura dawn iridu jithallsu lura bl-imghax kollu".* Huwa xehed li sal-2009 hallashom l-imghaxijiet.

Mill-provi jirrizulta li l-atturi saru jafu b'dan kollu meta marru l-Bank u nfurmawhom li l-flus kienu ngabru. Fl-atti nsibu Dok RS8[11] li huwa ittra datata 17 ta' Awwissu 2004 indirizzata lil Manager tal-BOV plc tar-Rabat, Ghawdex li kienet taqra hekk:

*"We hereby authorise you to utilise funds amounting to around Lm70,000 held in our fixed deposits with you which presently serve as cash cover to a loan account in the name of Mr Joseph and Mrs Marnese Spiteri. Please transfer these funds to this loan account in permanent settlement of same".*

Din l-ittra kienet iffirmata minn Saviour Spiteri,Victor Spiteri u Jane Spiteri. Salvu u Jane in verita' ma kienux jafu b'din il-manuvra hlief wara hafna snin. Billi huma ma kienux jafu hafna skola u kienu jafdaw kompletament lil Joseph Spiteri kienu jiffirmaw kull karta li kien jaghtihom.

[10] Seduta tal-21 ta' Novembru 2012 a fol 530 tal-process
[11] A fol 143 tal-process

Il-konvenut xehed li kontra dawn il-flus kien pogga l-flus fil-Valletta Fund Management u li tali investiment ma marx tajjeb. Pero’ tali verzjoni ma hix wisq kredibbli. Infatti filwaqt li l-ittra fuq imsemmija hija datata 27 ta’ Awwissu 2004 insibu per ezempju li d-data fuq il-contract notes, Dok RS1(b)[12], Dok RS2[13] u Dok RS3(b) hija t-28 ta’ Awwissu 2004. Kwindi l-mistoqsija tigi wahedha: kif jista’ jkun li l-istess ammont f’temp ta’ gurnata tefghu in kontrakambju? Kieku verament kellu dak l-ammont f’idejh ma kienx ikun hemm il-bzonn li juza’ l-flus taz-zijiet tieghu.

ii) **₤10,455.08 ekwivalenti ghal €12,514**[14]

Gian Luca Cappitta[15], in rapprezentanza ta’ Globe Organisation, xehed li kien sar investiment hafna qabel mit-tliet ahwa flimkien. Kienu bonds Petrolios Mexicanos u kienu ngibdu u hargu cekk fl-ammont ta’ ₤10,455.08[16] fit-23 ta’ Lulju, 2002. Dan ic-cekk inhareg fuq isem Mr V, Mr S & Ms J Spiteri. Huwa ma kienx jaf ic-cekk minn min issarraf.

Madankollu Joseph Spiteri ammetta li flus f’idejn iz-zijiet tieghu qatt ma ta u ghalhekk dan l-ammont huwa dovut ukoll stante li rrizulta li l-istess konvenut approprja ruhu minnhom. Meta mitlub igib dokumenti huwa ma gab l-ebda dokument biex jispjega l-flus x’sar minnhom.

**iii) ₤3,000 ekwivalenti ghal €3,591**[17]

---

[12] A fol 132 tal-process
[13] A fol 133 tal-process
[14] Rata tal-kambju 1.1969 fil-21 ta’ Marzu 2014
[15] Seduta tat-3 ta’ Lulju, 2012 a fol 106 tal-process
[16] Globe 1 a fol 112 tal-process
[17] Rata tal-kambju 1.1969 fil-21 ta’ Marzu 2014

Jirrizulta li kien hemm kont li nfetah fil-bank Kaupthing Singer & Friedlander fl-24 ta' Lulju 2002 bis-somma ta' GBP 3,000 u li ngabru fl-10 ta' Frar 2004.

Dan l-ammont huwa wkoll dovut mill-konvenut stante li ammetta li flus f'idejhom qatt ma tahom u ghalhekk dan l-ammont huwa dovut ukoll stante li rrizulta li l-istess konvenut approprja ruhu minnhom. Meta mitlub igib dokumenti huwa ma gab l-ebda dokument biex jispjega l-flus x'sar minnhom.

**<u>iv) ₤39,059 ekwivalenti ghal €46,751[18] kif ukoll ₤179.64 ekwivalenti ghal €215[19]</u>**

Minn Dok RS 12[20] jirrizultaw zewg affarijiet : (i) fi Frar 2002 kien hemm l-ammont ta' ₤39,059 fit-NATWEST Current Account; (ii) dan il-kont kien intestat fuq J. Spiteri u l-indirizz huwa tal-konvenut.

Jirrizulta fis-26 ta' Frar 2002, fis-27 ta' Frar 2002 u fit-28 ta' Frar 2002 inhargu tliet cekkijiet fl-ammonti ta' ₤10,000, ₤10,000 u ₤14,000 rispettivament. Evidentement dawn il-flus ittiehdu wkoll mill-konvenut u ma ntraddewx lura lill-atturi.

Jirrizulta wkoll li fil-25 ta' Gunju 2005[21] intbaghtet ittra lil National Westminster Bank sabiex jinghalaq il-Current Plus Account li kien ghas-somma fuq imsemmija. Din l-ittra nkitbet ukoll mill-konvenut anki peress li l-ahwa Spiteri ma kienux jafu jiktbu u bil-kemm jifhmu bl-Ingliz.

---

[18] Rata tal-kambju 1.1969 fil-21 ta' Marzu 2014
[19] Rata tal-kambju 1.1969 fil-21 ta' Marzu 2014
[20] A fol 161 tal-process
[21] Dok RS13 a fol 162 tal-process

**v) £10,480 ekwivalenti ghal €12,544[22]**

Dawn il-flus jirraprezentaw investiment li l-ahwa Spiteri kellhom mal-Globe f'Bonds imsejhin 'Turkey (Republic) 9% BDS27/10/2003. Dan l-investiment inbiegh qabel id-data tal-maturita' tieghu ossia fit-18 ta' Lulju 2002.

Il-konvenut ma ta ebda spjegazzjoni dwar dawn il-bonds u ghalkemm intalab u nghata l-opportunita' li jaghti l-ispjegazzjonijiet tieghu u jipproduci dokumenti baqa' inadempjenti.

**vi) €6,055**

Dawn huma flus li l-ahwa Spiteri jippretendu li kienu selfu lill-konvenut u li ma raddx lura. Madankollu hawnhekk si tratta ta' kawza kontra amministratur u ma jirrizultax li dawn il-flus gew f'idejn il-konvenut fi zmien l-amministrazzjoni tieghu. Minn ittra datata 27 ta' Jannar 2012[23] miktuba minn Joseph Spiteri lil Dr Formosa jammetti li kien inghata self miz-zijiet liema self jmur lura ghall-1995. Huwa sostna li dawn il-flus hallashom lura lil Jane Spiteri. Prova tal-pagament ma saritx madankollu din il-qorti ma tqisx li dan l-ammont ghandu x'jaqsam ma' l-amministrazzjoni li kellu f'idejh il-konvenut u ghaldaqstant ma jistghux jigu maghduda mas-somma li l-istess ghandu jrodd lill-atturi.

**vii) €7,318**

[22] Rata tal-kambju 1.1969 fil-21 ta' Marzu 2014
[23] Dok RS15 a fol 164 u 165 tal-process

Jirrizulta li fit-23 ta' Frar 2007, l-amministratur mar maz-zijiet gewwa fergha tal-BOV u bil-permess tal-werrieta li riedu li s-savings ta' Vitor ighaddu ghand hutu Ganna u Salvu ngabru Lm6,142. Il-konvenut ta Lm3,000 liz-zijiet u zamm il-kumplament li qatt ma tahom lura anki jekk huwa jghid mod iehor. Izda dokument li jipprova l-affermazzjoni tieghu ma gabx 'il quddiem

**viii) €109,715[24]**

Dan l-ammont jirrizulta minn Contract Note fil-Valletta Nominee Fund Management f'isem Saviour Spiteri.

**ix) €62,383[25]**

Dan l-ammont jirrizulta minn Contract Note fil-Valletta Nominee Fund Management f'isem Jane Spiteri.

**x) ₤98,625 ekwivalenti ghal €118,047[26]**

Mid-dokument ezebit fl-atti jirrizulta li dan l-ammont kien fil-Bank Kaupthing Singer & Friedlander (Isle of Man) Ltd. Dan il-bank huwa f'likwidazzjoni. Anki mill-kitba ta' l-istess konvenut mill-karti li ghadda lura dan l-ammont tnizzel minnu. Ma inghatatx spjegazzjoni ta' x'sar minn dawn il-flus.

**Ammont dovut**

[24] Dok RS1(a) a fol 131 tal-process
[25] Dok RS3(a) a fol 134 tal-process
[26] Rata tal-kambju 1.1969 fil-21 ta' Marzu 2014; Dok RS5

Illi ghalhekk mis-suespost jirrizulta li l-amministratur kellu f'idejh l-ammont ta' **€536,134.** Minn dan l-ammont irid jitnaqqas l-ammont ta' €12,821 rapprezentanti mghaxijiet li diga' thallsu; l-€10,000 li hallas fil-mori tal-kawza; kif ukoll ammont rapprezentanti spejjez ta' madum u kamra tal-banju liema ammont ma giex pruvat pero' se jinghata ammont arbitrio boni viri b'tali mod li mis-somma dovuta mill-konvenuti se jitnaqqas l-ammont ta' **€23,500**.

Ghalhekk l-ammont dovut huwa **€512,634**

**<u>Imghaxijiet</u>**

Illi l-artikolu 1878 tal-Kodici Civili jistipula li:

*“**1878.** Il-mandatarju ghandu jaghti l-imghaxijiet tas-somom illi, minghajr is-setgha tal-mandant, ikun inqeda bihom ghall-uzu tieghu nnifsu, minn dak in-nhar li jkun hekk inqeda bihom, u ta' kull somma ohra li taghha jkun baqa' debitur lejn il-mandant, minn dak in-nhar li jkun gie mqieghed in mora, bla hsara, fiz-zewg kazijiet hawn fuq imsemmija, tal-uzi tal-kummerc”.*

Billi jirrizulta li l-konvenut hallas xi imghaxijiet lill-ahwa Spiteri u billi ma rrizultax ghall-liema ammonti dawn kienu qeghdin jirreferu, il-Qorti tqis gust li l-imghaxijiet ghandhom jibdew jiddekorru mid-data ta' l-ewwel ittra ufficjali ossija mis-7 ta' Dicembru 2011.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-ewwel talba;

2. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba;

3. Tillikwida l-ammont ta' hames mija u tnax-il elf sitt mija u erba' u tletin euro (**€512,634)** bhala li huwa dovut lill-atturi kif fuq spjegat;

4. Tordna lill-konvenuti sabiex fiz-zmien xahrejn millum jirritornaw l-ammont ta' **€512,634** hekk likwidat li kien jifforma parti minn din l-amministrazzjoni u li kienu fil-kontroll tal-konvenuti.

Bl-imghax li ghandu jiddekorri mis-7 ta' Dicembru, 2011 sal-effettiv pagament u bl-ispejjez kif mitluba a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------